

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13319/25

ENER 466
COMPET 927
CLIMA 373
PROCIV 120
ENV 902

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-elettrifikazzjoni bħala mutur ta' tranżizzjoni kompetittiva u nadifa - Skambju ta' fehmiet

Bil-ksieb tal-Kunsill TTE (Enerġija) tal-20 ta' Ottubru 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar l-elettrifikazzjoni bħala mutur ta' tranżizzjoni kompetittiva u nadifa.

Kuntest

Is-settur industrijali huwa wieħed mill-akbar konsumaturi tal-enerġija, li jammonta għal 25 fil-mija tal-konsum totali tal-enerġija fl-UE. Dan is-settur għadu jiddependi ħafna fuq il-fjuwils fossili, li kienu jikkostitwixxu aktar minn nofs l-użu tal-enerġija tiegħu fl-2023¹. Il-kriżi reċenti tal-enerġija u l-volatilità tal-prezzijiet bla preċedent żvelaw id-dipendenza tagħna fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili, u b'hekk l-industriji intensivi fl-enerġija saru vulnerabbli. Hekk kif il-kompetizzjoni dinjija tintensifika, il-kompetittività u r-reżiljenza futuri tal-industrija Ewropea huma marbuta mill-qrib mal-kapaċità tagħha li tiddekarbonizza billi telimina gradwalment il-fjuwils fossili u tissostitwihom b'enerġija nadifa Ewropea aktar effiċjenti. Dan jirriżulta kemm mir-rapport ta' Draghi kif ukoll mill-Patt għal Industrija Nadifa tal-Kummissjoni.

L-elettrifikazzjoni għandha l-potenzjal li tkun mutur ewlieni ta' industrija aktar reżiljenti, kompetittiva u newtrali għall-klima. It-tiżiż tal-kapaċità tal-industrija li tirrispondi għas-sinjali tal-prezzijiet u timmaniġġa l-konsum tal-enerġija b'mod flessibbli mhux biss isahħa il-kompetittività tagħha, iżda jikkontribwixxi wkoll għas-saħħa u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema tal-enerġija.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għal Enerġija Affordabbli² jenfasizza l-ħtieġa għal espansjoni sostanzjali tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, bl-effiċjenza enerġetika fil-qalba tiegħu. Wara dan, il-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta pjan ta' azzjoni għall-elettrifikazzjoni fl-ewwel trimestru tal-2026, li jiddeskrivi l-passi meħtieġa li jmiss biex tavvanza l-elettrifikazzjoni.

¹ [Eurostat \(2023\): Final energy consumption in industry - detailed statistics.](#)

² COM(2025) 79 final.

Dan johlq opportunità f'waqtha biex jiġu skambjati perspettivi dwar l-aġenda tal-elettrifikazzjoni u biex jingħata kontribut lill-Kummissjoni qabel ma jiġi ppreżentat il-pjan ta' azzjoni. L-elettrifikazzjoni hija wkoll xprun ewlieni tad-dekarbonizzazzjoni fis-setturi tat-trasport u tat-tiżnin. Peress li l-elettrifikazzjoni tad-diversi setturi tinvolvi opportunitajiet u sfidi differenti u, għalhekk, soluzzjonijiet ta' politika differenti, huwa meħtieġ approċċ analitiku granulari. Għalhekk, din id-diskussjoni ser tiffoka fuq l-elettrifikazzjoni industrijali, peress li l-kompetittività industrijali hija sfida partikolarment urġenti.

Id-dibattitu dwar il-qafas ta' wara l-2030 jittratta wkoll l-iżgurar ta' taħlita xierqa ta' approċċi li jistgħu jixprunaw il-progress b'mod kosteffettiv filwaqt li jħallu spazju għall-innovazzjoni u l-ispeċifikitajiet nazzjonali. Dan jeħtieġ li l-iffissar tal-miri jiġi bbilanċjat bi flessibbiltà regulatorja. Minħabba l-ħtieġa urġenti li titħaffef it-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili għal enerġija nadifa, id-diskussjoni tagħna għandha l-għan li tidentifika qafas xieraq biex tavvanza l-elettrifikazzjoni kosteffettiva fl-industrija bl-oġġla potenzjal u tindirizza l-ostakli potenzjali.

Il-potenzjal għall-elettrifikazzjoni industrijali

L-analiżi turi li l-potenzjal tekniku għall-elettrifikazzjoni diretta fl-Ewropa jista' jkun bejn 60 u 90 fil-mija tad-domanda totali għall-enerġija industrijali sal-2035³. Din it-tranżizzjoni tinvolvi s-sostituzzjoni tal-proċessi bbażati fuq il-fjuwils fossili b'alternattivi elettriki. Aktar minn 60 fil-mija ta' din id-domanda diġà tista' tiġi sodisfatta b'teknoloġiji eżistenti, bħal bojlers tal-elettriku, pompi tas-sħana u fran bl-ark elettriku. Madankollu, sabiex jiġi realizzat dan il-potenzjal, iridu jkunu fis-seħħ il-kundizzjonijiet abilitanti t-tajba. Dawn jinkludu investimenti, inċentivi effettivi u l-użu effiċjenti u l-espansjoni tal-grilja tal-elettriku.

³ [Giuli, M. \(2024\): Direct electrification of industrial process heat: An assessment of technologies, potentials and future prospects for the EU, Agora Industry, 11. December.](#)

F'istess ħin, għandhom isiru sforzi addizzjonali biex titħaffef l-innovazzjoni għal soluzzjonijiet elettrifikati fi proċessi b'temperatura għolja, filwaqt li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet it-tajba għall-proċessi li għad fadal li diffiċli jiġu elettrifikati biex isir użu kosteffettiv minn perkorsi oħra ta' dekarbonizzazzjoni. Barra minn hekk, l-elettrifikazzjoni tista' titqies mill-industrija u konsumaturi oħra jekk l-elettriku jkun sors ta' provvista affordabbli. Dan jirrikjedi żieda fl-isforzi f'miżuri msaħħa biex tittejjeb il-kompetittività tal-elettriku, bħall-aċċellerazzjoni tal-użu ta' sorsi domestiċi b'kost marġinali baxx bħal sorsi rinnovabbli u nukleari, u t-tisħiħ tal-grilja u l-espansjoni tal-kapaċità tal-ħżin biex jitnaqqsu l-kostijiet ġenerali tas-sistema.

Il-kundizzjonijiet qafas biex jiġi xprunat l-użu tal-elettrifikazzjoni

L-investimenti fl-elettrifikazzjoni u l-flessibbiltà spiss jinvolvu nefqiet kapitali sostanzjali bil-quddiem (CAPEX). Dawn tipikament jinkludu t-titjib jew is-sostituzzjoni ta' tagħmir u infrastruttura eżistenti b'alternattivi li jaħdmu bl-elettriku. Għalhekk, l-elettrifikazzjoni teħtieġ finanzjament kemm privat kif ukoll pubbliku biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investment u tiġi inċentivata t-trasformazzjoni industrijali fuq skala kbira.

Il-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa(CISAF) li ġie adottat dan l-aħħar ipprova parti mill-mod kif jitnaqqsu r-riskji tal-investimenti privati f'teknoloġiji nodfa u fid-dekarbonizzazzjoni industrijali. Dan jippermetti l-użu ta' għodod pubbliċi bħal garanziji, self u ekwità biex jattira kapital privat fi proġetti li jaċċelleraw it-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima filwaqt li jżommu l-kompetittività dinjija tal-industrija Ewropea u jnaqqsu l-prezzijiet tal-elettriku.

Il-Bank għad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali li daqt jinholq huwa mistenni li jaqdi rwol ċentrali fl-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-industrija Ewropea għal alternattivi elettrifikati. Permezz tal-ġoti ta' self bi prezz baxx, għotjiet u garanziji, il-Bank huwa mistenni li jnaqqas ir-riskju tal-investimenti. Hekk kif il-qafas jevolvi, għadu meħtieġ li jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa strumenti finanzjarji jew mekkaniżmi ta' appoġġ addizzjonali biex iħaffu l-adozzjoni.

Barra minn hekk, id-deċizzjonijiet dwar l-elettrifikazzjoni industrijali jiddependu fuq spejjeż operatorji (OPEX) aktar baxxi filwaqt li jitwettqu proċessi fuq l-elettriku minflok fuq il-fjuwils fossili. Dan jiddependi fil-biċċa l-kbira fuq id-distakk bejn il-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass, iżda wkoll fuq fatturi oħra, bħall-flessibbiltà.

Filwaqt li ħafna industrij għandhom potenzjal limitat ta' flessibbiltà, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-industrija li tirrispondi għas-sinjali tal-prezzijiet dinamiċi u li tipparteċipa fi swieq ta' flessibbiltà permezz tal-ġestjoni tal-konsum tal-enerġija bi flessibbiltà operazzjonali jista' jgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet operazzjonali u jinħolqu flussi ġodda ta' dħul, filwaqt li jikkontribwixxi biex jissaħħu l-istabbiltà u l-affidabbiltà tas-sistema tal-elettriku. Anke l-industriji li jiffaċċaw sfidi fl-adattament tal-produzzjoni jistgħu jagħmlu investimenti biex jегħlbuhom, bħall-pjattaformi tad-data, il-batteriji fuq il-post jew il-ħżin tas-sħana. Dawn l-assi addizzjonali jistgħu jikkontribwixxu biex jitnaqqas iż-żmien tal-irkupru tal-investimenti fl-elettrifikazzjoni.

Ir-riforma tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku tal-UE tal-2024 għamlet progress importanti fil-promozzjoni tal-flessibbiltà. Din tiżgura l-aċċess għas-suq għall-industrija u l-aggregaturi, tagħti mandat għal valutazzjonijiet nazzjonali tal-ħtiġijiet ta' flessibbiltà, u tiftaħ mekkaniżmi ta' kapaċità għal riżorsi flessibbli mhux fossili. Issaħħaħ ukoll ir-rwol tal-aggregaturi u tippromwovi s-swieq tal-flessibbiltà lokali biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet tal-grilja.

Sat-30 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni hija mistennija tirrieżamina r-Regolament. Dan jipprovdi opportunità biex jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali biex isaħħu aktar l-inċentivi għall-elettrifikazzjoni industrijali kosteffettiva u l-flessibbiltà.

Mistoqsijiet ewlenin għad-diskussjoni

1. Kif nistgħu niżguraw bl-aħjar mod il-qafas it-tajjeb għall-elettrifikazzjoni tal-industrija sabiex nappoġġaw l-inċentivi t-tajba għall-investiment u l-konverżjoni tal-produzzjoni, filwaqt li fl-istess ħin inħalluhom jirrispondu għas-sinjali tal-prezzijiet u jikkonsmaw b'mod flessibbli?
 2. Liema setturi jew industriji jippreżentaw l-akbar potenzjal għal elettrifikazzjoni rapida u liema miżuri speċifiċi għandha tadotta l-istrateġija futura tal-Kummissjoni għall-elettrifikazzjoni biex tappoġġa l-elettrifikazzjoni industrijali?
-